**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2017**

**Talba Nru: 18/17 CZ**

**CG Trading Limited**

**vs**

**Clint Giulivo**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Jannar 2017 fejn is-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn, disgha u sebghin Euro u ghaxar centezmi (€2079.10) rapprezentanti bilanc ta' somom ta' flus frawdolentement sottratti mill-konvenut a dannu tas-socjeta' attrici tul l-impjieg tieghu ma' l-istess socjeta' attrici, u dan skond ma jirrizulta mill-istatement anness (Dok. CG 1).

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx.

Ghaldaqstant kellhom jittiedhu dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-3 ta' Dicembru 2014 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Illi l-konvenut, debitament notifikat, prezenta risposta fis-17 ta' Frar 2017, li permezz taghha rrileva s-segwenti:

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-konvenut ma ssottratta l-ebda flus b'mod frawdolenti mis-socjeta' attrici, imma bil-kunsens u l-approvazzjoni tal-Kap Ezekuttiv tal-istess socjeta', fi zmien li l-konvenut kien impjegat ma' l-istess socjeta' attrici, Dr. George Cutajar, kif ikkonfermat fl-annessa skrittura privata u mmarkata bhala Dok. A;

Illi kif ikkonfermat fis-surriferita skrittura l-ammont kien ta' elf, sitt mija u wiehed u tnejn u sittin centezmu (€1,601.62) u mhux elfejn, disa' u sebghin Euro u ghaxar centezmi (€2,079.10);

Illi kif ikkonfermat fis-surriferita skrittura, mill-ammont ta' elf, sitt mija u wiehed u tnejn u sittin centezmu (€1,601.62), il-konvenut kien diga' hallas lis-socjeta' attrici tlett pagamenti li b'kollox jammontaw ghal tlett mija u ghoxrin Euro (€320);

Illi kif diga' prova jikkomunika mas-socjeta' attrici, il-konvenut dispost ihallas l-ammont rimanenti ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin Euro (€1,281) f'pagamenti mensili ta' mitt Euro (€100).

Illi l-ammont indikat mis-socjeta' attrici, fuq dak ikkonfermat fis-surriferita skrittura privata, u cioe' l-ammont ta' sebgha mija u tmienja u disghin Euro (€798) ma jirrizulta minn imkien u m'hemmx prova ghalih.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra n-nota prezentata fl-24 ta' Frar 2017.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Marzu 2017, fejn l-ammont fil-mertu gie ridott ghal dak ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin Euro u wiehed u sittin centezmu (€1,281.61).

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu 2017 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu illi t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza a bazi tas-segwenti ftehim li gie verbalizzat:

> Dr Bonelloipprezenta nota ta' riduzzjoni li permezz taghha qed rriduca t-talba ghall-ammont ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin ewro u wiehed u sittin centezmu (Eur.1281.61) bl-intendiment li l-kap tal-ispejjez jinzamm ferm.
>
> Dr Attard ghall- konvenut jikkonferma ic-cifra ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin ewro u wiehed u sittin centezmu (Eur.1281.61) li huma dovuti u jaghmel ammissjoni in kwantu ta' din ic-cifra.
>
> Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-bilanc llum dovut ghandu jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' mitt euro (Eur100)–il wiehed. L-imghaxijiet jibdew jiddekkoru f'nuqqas ta' pagament

jew anke f'nuqqas ta' pagament wiehed. Il-partijiet talbu li l-kundizzjonijiet hawn imsemmija jigu riflessi fis-sentenza u talbu lit-Tribunal jghaddi ghas-sentenza. It-Tribunal jilqa' t-talba.

Illi wara dan il-verbal, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie dikjarat mill-qrati nostrani, "it-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku" (Kollez. Vol. XLIII.i.418). It-transazzjoni "għandha l-effett ta' sentenza li tgħaddi f'ġudikat u għalhekk it-tranzazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partjiet ghazlu li minflok jifformalizzaw it-tranzazzjoni permezz ta' ftehim bejniethom, tigi formalizzata permezz tas-sentenza ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal, kunsidrat il-qbil li hemm bejn il-partijiet, ma jistax hlief jifformalizza l-ftehim milhuq bejniethom, u ma jista' jnaqqas jew izid xejn minnu.

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici hekk kif ridotta minnha stess, u dan billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u wiehed u tmenin Euro u wiehed u sittin centezmu (€1,281.61), li ghandhom jithallsu f'pagamenti ugwali mensili ta' mitt Euro (€100) kull pagament, li ghandhom jibdew jithallsu fil-wiehed u ghoxrin (21) jum ta' kull xahar, bl-ewwel pagament ikun fil-21 ta' Marzu 2017. Ghal din is-somma jew kull bilanc talvolta dovut, ma jiddekorrix imghax. Jekk madankollu l-**

**konvenut jonqos milli jhallas skadenza wahda, jitlef il-beneficcju tat-terminu, u l-bilanc isir dovut minnufih, u, minhabba tali nuqqas ta' hlas, anke ta' skadenza wahda, jibda jiddekorri l-imghax skond il-ligi. Kwantu ghall-ispejjez, dawn ikunu a karigu tal-konvenut.**

**Avukat Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur